**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 20 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 778/02 AJD**

**Stephen Muscat**

**vs**

**Nicholas Camilleri u Elaine Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' mitt lira Mlatin (Lm100.00) rapprezentanti servizzi legali rezi lill-konvenuti mill-attur.
Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lilu. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-konvenuta l-ohra Elaine Gatt, nonostante li giet debitament notifikata, naqset milli tidher u milli tipprezenta risposta.

Ra li ghalkemm il-konvenut Nicholas Camilleri deher ghas-seduta tat-3 ta' Mejju, 2002, u nforma lit-Tribunal li huwa kien qed jikkontesta t-talbiet attrici u kien ser jipprezenta risposta fir-registru, huwa baqa' ma prezentax ir-

risposta tieghu.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ mitt lira Mlatin (Lm100.00), bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**